## IL-MEWT TA' LAKOONTE
### (Minn l-"Enejde" ta' Virġilju)

Ta' PATRI ĠUŻEPPI CREMONA, O.F.M.

Kien Lakoonte qassis tal-ħelu Apollo,
magħżul min-nies biex f'dak il-jum tad-debħa
fil-maqdes joffri ta' Nettunu, meta
żewġt isriep kbar iwerwru ta' Tenedu
qabżu mix-xatt għall-baħar u ġew jiġru
jitkagħwġu fuq il-mewġ, rashom merfugħa;
mimlija demm u nar tar'hom għajnejhom
u s-sfafar tisma' toħroġ minn ilsienhom,
u jsawtu bid-denb tagħhom l-ilma u l-mewġa
taqbeż u tinżel b'ragħwa li ma bħalha...
Waslu għax-xatt l-ieħor u dlonk qabdu jiġru
għall-maqdes ta' Nettunu fejn kien jitlob
dak il-qassis u żewġt itfal minn tiegħu
żgħar bl-ebda ħniena s-sriep qabdu jigdmuhom;
mietu hemm bl-uġigħ u s-semm li daħal f'demmhom.
Missierhom il-qassis tal-ħelu Apollo
ġie ħdejn it-tfal bis-sejf jaqbeż għalihom,
u daru s-sriep it-tnejn dwar għonqu u sidru,
għafset kemm tista' l-qawwa ta' sidirhom.
Bis-sħiħ bis-semm mimlijja gidmu rasu,
werżaq bħal ljun ix-xiħ b'għajnejh imberrqa...
fl-aħħar siket maqtul u fl-art instabat
bid-demm miblul u l-bżieq u s-semm ta' ħalqhom.
Ħarġu henjin iż-żewġt isriep mill-maqdes
tal-kbir Nettunu għax ħallsu x-xiħ u marru
lejn il-maqdes ta' Palla u taħt it-tarka
inħbew u heda l-għadab kiefer tagħhom...

---



# MIKIEL ANTON VASSALLI
## F'GĦELUQ IL-MITEJN SENA TA' TWELIDU (1764-1964)

Ta' ĠUŻÈ DIMECH DEBONO

Bħalma d-Dinja Letterarja b'Malta magħha għadha kif fakkret egħluq l-erbgħa mitt sena mit-twelid ta' Skakespeare u Marlowe, hekk ukoll hu xieraq li Malta Letterarja tfakkar l-għeluq tal-mitejn sena mit-twelid ta' Mikiel Anton Vassalli, wieħed mill-ulied magħrufa tagħha.

Mikiel Anton Vassallo, għax hekk kunjomu kien tabilħaqq, twieled f'Ħaż-Żebbuġ nhar il-5 ta' Marzu, 1764, jiġifieri mitejn sena ilu.

Ta' sitt snin tilef lil missieru. Imma xorta waħda huwa ntbagħat u tħalla fl-iskola. Għall-ewwel kellu ħsieb isir qassis tant li aktar milli ħa l-Ordnijiet Minuri, hu mar iżid jistudja l-Filosofija, it-Teoloġija, il-Letteratura u xi Ilsna Orjentali ġewwa Ruma.

Iżda aqwa minn kollox ħsiebu kien f'Ilsien Art twelidu, u x'sura ta' kitba għad jista' jagħtih.

B'dan il-għan iberren f'moħħu hu kiteb l-ewwel ktieb tiegħu bl-isem "L'Alfabeto Maltese spiegato in Lingua Maltese ed Italiana", li bih fl-1790 irnexxielu tabilħaqq joħloq alfabet jixbah lil dak ta' żmienna.

Fis-sena ta' wara kiteb Grammatika Maltija bil-Latin li fiha b'dak l-Ilsien hu sawwar kunjomu fil-każ ġenittiv biex imbagħad ġara li baqa' għal dejjem magħruf bħala Vassalli flok b'Vassallo.

Imħarreġ, kif kien fl-Ilsna Orjentali, hu ma naqasx juri ħiltu fl-1793 b'xi epigrafi Għarbin li qaleb għal-Latin bla xejn tilef mill-kobor tas-siwi tagħhom.

Fl-1795 reġa' ġie Malta fejn, barra milli kiteb vokabolarju mill-Malti għal-Latin u t-Taljan, bl-isem "Lexion Melitensis", li ġie mitbugħ fis-sena ta' wara, huwa ntefa' għal ħafna ħidmiet oħra; jaqbeż għall-Poplu biex kieku b'kummerċ ħieles eċċ: jinqered l-għaks u biex ukoll bi twaqqif ta' skejjel Governattivi jitkattar it-tagħlim fost il-Poplu.

Ġie li tkellem biex, kif wara kien sa jitwettaq bl-Għaxar Artikolu tat-Trattat t'Amiens, titwaqqaf Berġa tal-Kavalieri Maltin, u ġie li bil-maqlub tkellem biex il-Kavalieri jagħtuna l-Indipendenza u jħalluna darba għal dejjem.

Għal dan it-tirżin tiegħu flimkien ma' tixwix u serq t'armi u porvli mill-Armerija ta' l-Ordni, hu ġie mixli b'delitt kontra l-Istat b'riżultat li wara sab ruħu mitfugħ għal għomru f'qiegħ ta' ħabs mudlam.

B'danakollu mill-Forti Rikasli, fejn kien miżmum, ġie mħarrab